MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' Diċembru, 2011

Citazzjoni Numru. 86/2003

**L-AVUKAT ĠENERALI**

vs

**IL-KAP TAS-SERVIZZ TAS-SIGURTA'**, ir-Reġistratur tal-Qrati u, għal kull interess li jista' jkollhom, John Camilleri, Alfred Buġeja, Romeo Bone, Mario Camilleri, Pierre Camilleri, Albert Buġeja, Emanuel Camilleri, Charles Steven Muscat, Yvette Muscat, Trudy Testa, Isaac Chetcuti, Emanuel Borġ, Daniel-Victor Bonniċi, Anthony Gatt, Carmen Armeni, Sylvana Buġeja, Juma Said Karfoosh, Suzanne Abela, u Emanuela Camilleri

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Jannar, 2003, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (i) issib li ma jiswewx u huma nulli u bla effett ordni mogħti fit-13 ta' Novembru, 2002, mill-Qorti tal-

Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja fl-Atti tal-Kumpilazzjoni (Nru. 913/2002) fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spetturi Neil Harrison u Norbert Ċiappara) vs John Camilleri et*" u l-imġiba tal-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' in konformita' ma' dak l-ordni; (ii) tordna lill-imħarrek Reġistratur tal-Qorti jrodd lura lill-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' dawk il-mandati esebiti mill-istess imħarrek quddiem dik il-Qorti skond l-imsemmi ordni tagħha, u dan mingħajr ma jsiru kopji tagħhom; u (iii) tordna li l-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' m'għandux jixhed dwar l-eżistenza tal-istess mandati, u li la jitħalla jagħtihom jew lanqas jagħti kopji tagħhom lil ħadd ħlief lill-Kummissjonarju maħtur taħt l-artikolu 12 tal-Kapitolu 391 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin John Camilleri, Mario Camilleri, Pierre Camilleri, Emanuel Camilleri, Trudy Testa u Emanuela Camilleri fis-17 ta' Ottubru, 2003, li biha, b'mod preliminari, laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li l-azzjoni ma tiswiex, li fl-attur jonqos l-interess ġuridiku u li mhux persuna leġittima biex tmexxi l-kawża, l-illeġittimita' tal-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' bħala persuna mħarrka, u dan minħabba nuqqas ta' interess, u kif ukoll in-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni għaliex l-attur naqas li jgħid liema huma dawk il-fatti li jafhom personalment. Qanqlu wkoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin Charles Steven u Yvette miżżewġin Muscat fis-17 ta' Ottubru, 2003, li biha laqgħu billi qalu li l-azzjoni attriċi m'hijiex mistħoqqa;

Rat illi l-imħarrkin l-oħrajn li ġew notifikati kif imiss baqgħu ma ressqu l-ebda eċċezzjoni fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u baqgħu kontumaċi;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tad-9 ta' Ġunju, 2005[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tal-imħarrkin Camilleri u Testa;

[1] Paġġ. 45 sa 53 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Ġunju, 2005, li bih u fuq talba magħmula mill-avukat difensur tal-imħarrkin Camilleri u Testa minnufih mal-qari tal-imsemmija sentenza, awtorizżat lill-istess imħarrkin biex jappellaw minnha quddiem il-Qorti tal-Appell;

Rat li l-imħarrkin ma appellawx mill-imsemmija sentenza fiż-żmien li tagħtihom il-liġi;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Novembru, 2005, li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Novembru, 2005, li bih u fuq talba mressqa mill-attur b'rikors tat-23 ta' Novembru, 2005, reġgħet qiegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Daniel-Victor Bonniċi fis-6 ta' Frar, 2006, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet attriċi m'għandhomx jintlaqgħu għaliex m'humiex mistħoqqa. Qal li l-artikolu 18 tal-Kapitolu 391 ma jistax jingħata t-tifsira li jrid l-attur li jżomm lill-Qorti tal-Maġistrati milli twettaq is-setgħat tagħha taħt l-artikolu 397(1) tal-Kodiċi Kriminali. Minbarra dan, il-ħtieġa li jintwerew il-mandati mertu tal-każ qamet fl-ogħla interess tal-ġustizzja fil-proċeduri li nbdew kontrih u l-imħarrkin l-oħrajn. Qanqal ukoll il-kwestjoni tas-siwi kostituzzjonali tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 18, safejn dan jista' jidher li qiegħed jagħti lill-imħarrek Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' setgħat li jagħmluh 'il fuq mil-liġi billi l-Qrati ma jitħallewx jissindakaw l-għamil tiegħu. Żied jgħid li l-jedd tal-privatezza jmissu jkun ir-regola u l-eċċezzjoni tal-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet privati għandha titħaddem biss f'każijiet fejn huwa assolutament meħtieġ, ukoll jekk jitqies li jkunu qed isiru fl-interess tal-ordni pubbliku. Għalaq billi qal li l-azzjoni tal-attur u l-interpretazzjoni li huwa jagħti lid-dispożizzjonijiet tal-liġi jfixkluh u lill-imħarrkin l-oħrajn milli jiddefendu rwieħhom kif jixraq kontra l-akkużi li tressqu kontra tagħhom;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-22 ta’ Novembru, 2007[2], bil-provi dokumentali li kellu x’iressaq f’din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta’ April, 2008[3], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-partijiet u tathom fakulta’ li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-14 ta’ Mejju, 2008[4];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin Charles u Yvette miżżewġin Muscat u Daniel-Victor Bonniċi fit-2 ta’ Ottubru, 2008[5], bi tweġiba għal dik magħmula mill-attur;

Rat in-Nota ta’ riferenzi mressqa mill-imħarrkin Camilleri u Testa fl-24 ta’ Marzu, 2011[6];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi b’din l-azzjoni, l-attur irid li l-Qorti tħassar ordni (degriet) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja lill-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta’ biex jesebixxi mandati (*Warrants*) dwar l-imputati, wara li tiddikjara li dak l-ordni ma jiswiex għax imur kontra l-artikolu 18 tal-Kapitolu 391 tal-Att tal-1996 dwar is-Servizz tas-Sigurta’[7]. L-azzjoni timmira wkoll li l-mandati li l-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta’ esebixxa quddiem dik il-Qorti b’ubbidjenza tal-imsemmi ordni jintraddulu lura bla ma jittieħdu kopji tagħhom, u kif ukoll li huwa ma jixhidx dwar

[2] Paġġ. 105 sa 110 tal-proċess
[3] Paġ. 114 tal-proċess
[4] Paġġ. 115 sa 121 tal-proċess
[5] Paġġ. 124 – 7 tal-proċess
[6] Paġġ. 136 sa 141 tal-proċess
[7] Kap 391 tal-Liġijiet ta’ Malta

l-eżistenza tal-imsemmija mandati jew jagħti kopji tagħhom;

Illi l-imħarrkin John Camilleri, Mario Camilleri, Pierre Camilleri, Emanuel Camilleri, Trudy Testa u Emanuela Camilleri fis-17 ta' Ottubru, 2003, li biha, b'mod preliminari, laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li l-azzjoni ma tiswiex, li fl-attur jonqos l-interess ġuridiku u li mhux persuna leġittima biex tmexxi l-kawża, l-illeġittimita' tal-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' bħala persuna mħarrka, u dan minħabba nuqqas ta' interess, u kif ukoll in-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni għaliex l-attur naqas li jgħid liema huma dawk il-fatti li jafhom personalment. Qanqlu wkoll eċċezzjonijiet fil-mertu, fosthom dik li, għat-talbiet magħmula mill-attur, din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tagħmilha ta' qorti tat-tieni grad biex taqta' u tiddeċiedi dwar degrieti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, minħabba li l-liġi tagħti dritt ta' appell mid-degrieti tal-imsemmija Qorti biss lill-Qorti tal-Appell Kriminali mal-għoti tas-sentenza finali u mhux lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Qalu wkoll li l-ordni impunjat ma kienx maħsub li jissuġġerixxi li seħħ xi reat minn dawk maħsuba fl-artikolu 18 tal-Kap 391, iżda biss wieħed maħsub li jistabilixxi l-għejjun tal-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni kontra l-eċċipjenti. Żiedu jgħidu li l-Kap 391 ma jżomm lill-ebda qorti milli tordna l-esibizzjoni ta' mandati maħruġa bis-saħħa tal-istess Att, minbarra li l-Qorti tal-Maġistrati tgawdi kull setgħa li tiddetermina kull punt ta' dritt li jitqajjem quddiemha, u li, jekk jidhrilha li huwa xieraq, li tirreferi xi kwestjoni kostituzzjonali lill-Qorti tal-kompetenza kostituzzjonali. Laqgħu wkoll billi qalu li huma ma jistgħux, bħala mħarrkin, jagħtu r-rimedji li l-attur qiegħed jitlob f'din il-kawża, u għalhekk ħarrikhom għalxejn. Qalu wkoll li t-tieni talba attriċi ma setgħetx titressaq kontra l-imħarrek Reġistratur tal-Qrati, minħabba li din il-Qorti ma għandha l-ebda setgħa li tordna d-dħul jew it-tneħħija ta' dokumenti minn atti ta' proċessi kriminali lil hinn mill-kompetenza tagħha. Temmew jgħidu li lanqas it-tielet talba ma jmissha tintlaqa' għaliex "talba ġudizzjarja ma jistax ikollha bħala oġġett tagħha l-inibizzjoni ta' konvenut milli jagħmel ħaġa determinata mingħajr id-dikjarazzjoni ta' dritt kuntrarju vestit fl-attur";

Illi bis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ġunju, 2005, din il-Qorti ċaħdet l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari fuq imsemmija;

Illi l-imħarrek Daniel-Victor Bonniċi laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet attriċi m'għandhomx jintlaqgħu għaliex m'humiex mistħoqqa. Qal li l-artikolu 18 tal-Kapitolu 391 ma jistax jingħata t-tifsira li jrid l-attur li jżomm lill-Qorti tal-Maġistrati milli twettaq is-setgħat tagħha taħt l-artikolu 397(1) tal-Kodiċi Kriminali. Minbarra dan, il-ħtieġa li jintwerew il-mandati mertu tal-każ qamet fl-ogħla interess tal-ġustizzja fil-proċeduri li nbdew kontrih u l-imħarrkin l-oħrajn. Qanqal ukoll il-kwestjoni tas-siwi kostituzzjonnali tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 18, safejn dan jista' jidher li qiegħed jagħti lill-imħarrek Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' setgħat li jagħmluh 'il fuq mil-liġi billi l-Qrati ma jitħallewx jissindakaw l-għamil tiegħu. Żied jgħid li l-jedd tal-privatezza jmissu jkun ir-regola u l-eċċezzjoni tal-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet privati għandha titħaddem biss f'każijiet fejn huwa assolutament meħtieġ, ukoll jekk jitqies li jkunu qed isiru fl-interess tal-ordni pubbliku. Għalaq billi qal li l-azzjoni tal-attur u l-interpretazzjoni li huwa jagħti lid-dispożizzjonijiet tal-liġi jfixkluh u lill-imħarrkin l-oħrajn milli jiddefendu rwieħhom kif jixraq kontra l-akkużi li tressqu kontra tagħhom;

Illi l-imħarrkin l-oħrajn għażlu li ma jressqu l-ebda kontestazzjoni u baqgħu kontumaċi;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti għall-każ ma hemmx wisq fiex wieħed jitfixkel. L-imħarrkin Camilleri, Buġeja, Bone, Muscat, Testa, Chetcuti, Borġ, Bonniċi, Gatt, Armeni, Karfoosh u Abela kienu mressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, mixlija b'reati marbuta ma' trafikkar ta' droga. Waqt is-smigħ li sar fit-13 ta' Novembru, 2002, tela' jixhed l-imħarrek Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ta' Malta. Waqt ix-xhieda tiegħu, huwa semma xi interċettazzjonijiet li saru biex wasslu biex jitressqu l-akkużi kontra l-imħarrkin. Meta ntalab mill-avukati difensuri biex jagħti tagħrif dwar l-imsemmija interċettazzjonijiet. Meta l-Prosekuzzjoni qajmet l-

oġġezzjoni għall-għoti ta' t-tagħrif mitlub fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 18 tal-Kap 391, l-avukati difensuri talbu lill-Qorti Istruttorja tipprovdi dwar it-talba tagħhom. B'degriet mogħti waqt is-smigħ, ordnat "l-produzzjoni tal-*warrants* appositi fil-konfront ta' kull imputat/imputata addebitati b'xi akkuża, b'indikazzjoni tad-data ta' meta bdiet kull investigazzjoni individwali u kull estensjoni magħmula, jekk dan hu l-każ. U dana għandu jsir illum stess"[8];

Illi l-imħarrek Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ottempera ruħu malordni mogħti minn dik il-Qorti biex ma jaqax f'disprezz lejn l-awtorita' tagħha, wara li kien tressqet talba b'rikors biex dik il-Qorti tibdel l-ordni tagħha *contrario imperio*, iżda dik it-talba ma ntlaqgħetx. Huwa ressaq lid-deputat Reġistratur tal-awla għadd ta' mandati skond l-ordni mogħti, biex l-istess jiddaħħlu bħala parti mill-atti proċesswali fil-każ tal-imħarrkin imputati;

Illi din il-kawża nfetħet f'Jannar tal-2003;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin ma' dan il-każ</u> jidher li l-qofol tal-kwestjoni jintrabat kollu mat-tifsira li trid tingħata lill-artikolu 18 tal-Att tal-1996 dwar is-Servizz tas-Sigurta'[9], b'mod partikolari dwat it-tħaddim tiegħu fir-rigward tas-setgħat mogħtija lill-Qrati biex jitolbu tagħrif miksub bis-saħħa ta' dak l-Att;

Illi, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, l-artikolu 18 irid li "*(1) Fi proċedimenti li jsiru quddiem xi qorti jew tribunal, ma għandha tinġieb ebda prova u ma għandha ssir ebda mistoqsija waqt kontro-eżami li (f'kull każ) ittendi li tissuġġerixxi –*
*(a) li jkun sar jew ikun ser isir reat taħt l-artikoli 15 jew16 ta' dan l-Att minn xi persuna minn dawk ħadd minn dawk imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu;*

*(b) li jkun inħareġ jew li jkun ser jinħareġ mandat lil xi ħadd minn dawk il-persuni:*

---

[8] Dok "1", f'paġġ. 106 sa 110 tal-proċess
[9] Att XVII tal-1996 (Kap 391)

*Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha titqies li tipprekludi l-kxif, filwaqt li tingħata xiehda, ta' informazzjoni li tkun tista' tinkixef skond dan l-Att jew taħt kull disposizzjoni oħra tiegħu.*

"*(2) Il-persuni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan 1-artikolu huma –*
*(a)kull membru tas-Servizz ta' Sigurtà;*
*(b) kull uffiċjal pubbliku;*
*(ċ) kull persuna li hija involuta fin-negozju tal-provvediment ta' servizzi postali, ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjonijiet;*
*(d) kull min skond l-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali jkun jew – (i) kuntrattat mill-Gvern; jew (ii) membru jew impjegat ta' korp preskritt jew ta' korp ta' klassi preskritta, detentur ta' kariga preskritta jew impjegat ta' dak id-detentur ta' kariga.*"

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-attur iqajjem bħala punt ewlieni l-argument tal-ordni pubbliku u, wara li jfisser bl-għajnuna ta' awturi, l-fehma tiegħu tal-kunċett, jorbot minnufih il-kwestjoni tal-ordni pubbliku mad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu. Jisħaq li l-Att dwar is-Servizz ta' Sigurta' għandu fi ħdanu kontrolli xierqa biex ma jsir l-ebda abbuż mis-setgħat li jagħti u li dawn il-kontrolli huma biżżejjed biex iżommu lill-Qrati milli jistgħu jitolbu u jordnaw li jingħata tagħrif dwar interċettazzjonijiet li jista' jkun ta' ħsara kbira għall-ordni pubbliku u għall-istħarriġ li l-awtoritajiet ikunu mexjin bihom biex irażżnu r-reati. F'dan ir-rigward, jirreferi għall-Kummissarju maħtur għall-finijiet tal-artikolu 12 tal-Kap 391 u għas-setgħat tiegħu ta' superviżjoni kif imfissra fl-artikolu 13 tal-istess Att;

Illi fuq dan il-qafas, l-attur jisħaq li d-degriet mertu tal-każ mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati jmr kontra d-dispożizzjonijiet tal-liġi, u jqis li din il-Qorti tista' tiddetermina din il-kwestjoni u tħassar l-imsemmi degriet. Iżid jgħid li xogħol kull qorti huwa dak li tapplika l-liġi u mhux li tmur lil hinn minn dak li trid il-liġi u, wisq anqas, li tmur kontra l-liġi. Minn hawn, jkompli jissottometti li ladarba l-artikolu msemmi jagħmel parti minn liġi li tittratta

dwar sigurta' nazzjonali, dan iġib li atti li jsiru taħtha jew bis-setgħa tagħha ma jibqgħux aktar suġġetti għas-sindakar tal-qrati għaliex huma "atti ta' Stat" jew "*non-justiciable administrative acts*". Huwa jlum lill-Qorti tal-Maġistrati talli naqset li, minn rajha u f'wiċċ il-qagħda li nħalqet dak inhar tas-smigħ, tirreferi l-kwestjoni lil din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, biex tkun din il-Qorti li tippronunzja ruħha dwar is-siwi tal-liġi u mhux, minflok, tgħaddi biex tagħti degriet li jikser dik il-liġi;

Illi minnaħa tagħhom, l-imħarrkin iwarrbu s-sottomissjonijiet tal-attur, u b'mod partikolari jqisu li jekk stess id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18 tal-Kap 391 iżommu lill-parti akkużata u mhux lill-Qorti milli titlob li jitressqu quddiemha provi dwar il-mod kif ikunu saru xi interċettazzjonijiet. L-ebda liġi ma hija maħsuba biex twaqqaf lil xi qorti kompetenti milli twettaq dmirha u tirregola s-smigħ tal-kawżi li jitressqu quddiemha. Jekk tingħata tifsira bħal din lill-imsemmi artikolu 18, ikun ifisser li dak l-artikolu ikun il-kaġun ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-istess parti akkużata dwar il-jedd tagħha għal smigħ xieraq. Jisħqu li, kieku kien għall-attur, il-Kummissarju maħtur skond il-Kap 391 imissu jitqies bħala persuna 'l fuq mil-liġi li, dwar l-għamil fil-kariga tagħha, l-ebda qorti ma għandha jedd tistħarreġ jew sanzjonijiet x'tapplika, u dan kollu bi ksur tal-aktar prinċipji bażiċi marbuta mas-saltna tad-dritt li wieħed normalment jorbot ma' sistema demokratiku;
Illi huma jgħidu li d-degriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati kien wieħed li jaqa' tat is-setgħat leġittimi tal-istess imsemmija Qorti kif irid l-artikolu 397 tal-Kodiċi Kriminali;

Illi m'għandux ikun dubitat li l-azzjoni attriċi, meħuda fil-qofol tagħha, hija waħda li titlob stħarriġ dwar jekk id-degriet tal-Qorti tal-Maġistrati tat-13 ta' Novembru, 2002, kienx imur kontra l-liġi billi ingħata b'mod li dik il-Qorti eżerċitat setgħa li ma kellhiex. Ladarba tidħol l-kwestjoni ta' kompetenza ta' Qorti fit-twettiq tas-setgħat tagħha, tidħol minnufih kwestjoni ta' ordni pubbliku u dan iġib li kull għamil li dik il-Qorti tkun wettqet allegatament 'il barra mis-setgħat tagħha, irid ikun mistħarreġ kif imiss. Marbut

ma' dan, imbagħad, hemm it-tifsira nnifisha li trid tingħata lill-artikolu 18 tal-Kap 391;

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li d-degriet impunjat kien wieħed li l-Qorti tal-Maġistrati kellha s-setgħa li tagħti għaliex kien wieħed li jirregola l-mod kif tinġabar ix-xhieda u maħsub biex jiżgura li tinġab l-aħjar prova. Minbarra dan, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-imsemmi degriet jassikura wkoll li l-prova fi proċess fejn persuna tinsab mixlija b'reat tkun waħda li wieħed jista' joqgħod fuqha u mhux marbuta ma' dikjarazzjoni insindakabbli ta' xi funzjonarju li, sinċiera u awtentika kemm tista' tkun sinċiera u awtentika, ma tkunx fis-setgħa tal-qorti li tistħarriġha u tqisha sewwa. Dan ma jfissirx li meta ngħata dak id-degriet, kien ifisser li l-prova setgħet tixxerred mal-erbat irjieħ jew li b'daqshekk it-tagħrif ordnat li jitressaq fl-atti ma kienx jista' jkun kontrollat bi provvediment xieraq mill-istess Qorti li tatu. Iżda li wieħed iqis li Qorti hija mċaħħda *a priori* milli biss tikkontrolla l-veraċita' ta' fatt allegat b'mod effettiv (kif lattur qiegħed ifisser l-effetti tal-artikolu 18 talkap 391) u liema fatt allegat jista' jkun determinanti għall-eżitu tal-akkużi mressa kontra persuna mixlija, dan ikun joffendi wieħed mill-għodda l-iżjed fejjieda li għandu jkollhom il-Qrati – jiġifieri dik li tiggarantixxi l-ħarsien tal-interessi kollha involuti (u mhux biss tal-parti akkużata bir-reat) b'mod mhux mistur. Fil-fehma sħiħa tagħha, dan huwa wkoll element ewlieni ta' ordni pubbliku li jistħoqqlu jkun imħares daqs l-interess li jista' jkollu l-Istat għall-ogħla ħarsien tas-sigurta' pubblika;

Illi b'żieda ma' dak li għadu kemm ingħad, din il-Qorti jidhrilha xieraq, għaliex taqbel ma' dak li jingħad fiha, li tiċċita silta minn sentenza li ngħatat m'ilux minn din il-Qorti diversament presjeduta u li wkoll kienet tqis kwestjonijiet bħal dawk li tqajmu f'dan il-każ tal-lum[10]. "*Il-qorti tifhem illi l-prinċipju ewlieni li għandu jirregola din il-vertenza essenzjalment huwa illi fi stat ta' dritt ma hemm ebda setgħa pubblika li ma hijiex ġejja mil-liġi, illi kull setgħa pubblika għalhekk għandha tiġi*

[10] P.A. GCD **1.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Ġenerali vs Kap tas-Servizz tas-Sigurta' et*** (appellata)

*eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi, u illi l-organu li huwa fdat mill-Kostituzzjoni bil-ġurisdizzjoni biex jara jekk il-liġi tħarsitx – u jekk setgħa ġietx effettivament eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi jew le – hija l-qorti. Il-kelma ta' uffiċjal pubbliku li hu mexa kif trid il-liġi ma hijiex biżżejjed biex ixxejjen din il-ġurisdizzjoni tal-qorti u biex iċċaħħad lill-individwu mill-jedd ta' aċċess għall-qorti – jedd garantit taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Għalhekk kull dispożizzjoni ta' liġi li tagħti setgħa pubblika għandha tinqara u tinftehem fid-dawl ta' dan il-prinċipju kostituzzjonali u kull interpretazzjoni li tmur kontra dan il-prinċipju – fil-każ tallum, kull interpretazzjoni li żżomm lill-qorti milli tistħarrreġ dwar jekk il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' kellux mandat jew, għax ma kellux mandat, mexiex bi ksur tal-liġi – hija jew interpretazzjoni ħażina jew inkella interpretazzjoni tajba ta' liġi anti-kostituzzjonali. Billi l-preżunzjoni hija illi l-leġislatur ma jgħaddix liġijiet li jiksru l-Kostituzzjoni, il-qrati ordinarji għandhom dejjem ifittxu li jagħtu lil-liġi ordinarja interpretazzjoni konformi mal-Kostituzzjoni u, meta dan ma jkunx possibbli, għandhom jagħmlu referenza lill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali. L-art. 6(2) tal-Kap. 391 igħid hekk: '6(2) Ebda interċettazzjoni ta' jew interferenza ma' komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni tagħhom bil-posta jew bi l-mezz ta' sistema ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ma għandu jkun kontra l-liġi jekk dan jiġi awtorizzat b'mandat maħruġ mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu.' A contrario sensu, kull interċettazzjoni bħal dik tkun kontra l-liġi jekk ma tkunx awtorizzata b'mandat maħruġ taħt il-liġi u, jekk dak il-mandat ma jintweriex, il-qorti ma tkunx tista' tgħid jekk l-interċettazzjoni tkunx kontra l-liġi jew le. Jekk il-qorti ma jkollhiex is-setgħa li tordna li jintwera l-mandat, u għalhekk li tara jekk il-liġi tħarsitx jew le, il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' jkun tqiegħed 'il fuq mil-liġi, ħaġa li żgur ma setgħetx tgħaddi minn moħħ leġislatur xewqan li jħares il-Kostituzzjoni, għax huwa assjomatiku illi fi stat ta' dritt ħadd ma hu 'l fuq mil-liġi. Interpretazzjoni tal-liġi f'dak is-sens tkun bilfors interpretazzjoni ħażina.*

*Għalhekk kienet tajba u konformi mal-Kostituzzjoni l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sens*
*illi l-qorti għandha dik is-setgħa, u kien tajjeb ukoll u kien lejali lejn il-liġi l-għemil tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' li mexa kif ried dak l-ordni*";

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha li saru, ma jidhirx għalhekk li huwa meħtieġ li l-Qorti tistħarreġ is-sottomissjonijiet l-oħrajn tal-attur dwar ordni pubbliku jew sigurta' nazzjonali u lanqas taħseb li huma tajbin u ta' min joqgħod fuqhom l-argumenti l-oħra dwar x'messha għamlet il-Qorti tal-Maġistrati ladarba tqajjem il-każ quddiemha qabel tat id-degriet impunjat. Dan jingħad għaliex il-Qorti ssib li l-bażi nnifisha li fuqha tressqet il-kawża – li l-Qorti tal-Maġistrati qabżet is-setgħat tagħha u marret kontra l-liġi – ma ntweriex li hija tajba biex issostni t-talbiet li l-attur għamel u li għalhekk m'humiex sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi mhux mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża,** ħlief dawk marbuta mas-sentenza preliminari tad-9 ta' Ġunju, 2005, li jitħallsu mill-imħarrkin kif hemmhekk deċiż.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------